MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-21 ta' Awwissu, 2014

Numru. 871/2011

**Il-Pulizija**

**Assistent Kummissarju Norbert Ciappara**

**VS**

**Aaron Axisa, iben Carmelo u Marianna nee' Bartolo, imwieled Tal Pieta' nhar id-19 ta' Awwissu, 1982, residenti fil-fond numru 28, Sqaq il-Baggi, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' numru 461582M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **<u>Aaron Axisa</u>** li gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-3 ta’ Mejju, 2009, u matul l-ahhar xahrejn ta’ qabel din id-data:

a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga Eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, lil persuna jew persuni ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kinx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjoni tar-4 u s-6

Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kinx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi moqrija l-istess akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Ordni tal-Avukat Generali a folio 2.

Semghet ix-xhieda kollha migjuba.

Senjalament l-**<u>Ispettur Norbert Ciappara</u>** dak iz-zmien xehed illi fuq informazzjoni li kien ircieva li l-imputat kien qed jittraffika d-droga eroina, saret osservazzjoni u raw lil certu Daniel Mizzi jiltaqa' ma' dan Axisa. Imwaqqaf dan Mizzi rrizulta li fuqu kellu droga eroina. Qal l-Ispettur illi dan kien qallhom li kien akkwista d-droga qabel ma waqqfuh. Waqqfu wkoll lil Aaron Axisa u saritlu tfittxija go daru – hemm instabu ammont ta' sustanza kannella suspettata eroina, qratas b'sustanza kannella fihom ukoll suspettata eroina,

mobile phones, siringi godda, u mus. Sabu wkoll ktieb tal-karti li kien jintuza biex minnu jsiru l-qratas kif ukoll is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro (€225).

Qal l-Ispettur illi kellem lil Aaron Axisa fil-presenza ta' PC 1183 Oliver Borg, hadlu stqarrija wara li tah id-debita twissija, ezebita din a folio 21 bhala Dok NC.

Prezenta wkoll l-Ispettur l-okkorrenza maghmula minn PS 1174 dwar it-tfittxija msemmija – Dok NC1; okkorrenza ohra bhala Dok NC2; kopja tal-ircevuta li nharget fuq il-flus bhala Dok NC3; erba' (4) pitazzi tal-karti bhala Dok NC4; borza tal-karti kontenenti mobile u charger (Samsung) u landa b'foil mahruq bhala Dok NC5; kif ukoll borza tal-karti maqfula f'borza tal-plastic li fiha siringi godda bhala Dok NC6. Prezenta wkoll borza ohra bi trab kannella suspettat eroina bhala Dok NC7; hames (5) qratas ukoll suspettati li jikkontjenu l-eroina bhala Dok NC8; borza ohra kontenenti s-somma msemmija ta' mitejn u hamsa u ghoxrin Ewro (€225); mobile phone bhala Dok NC10 tal-marka Nokia; il-mus bhala Dok NC11; mizien elettroniku bhala Dok NC12. Prezenta wkoll borza tal-plastic kontenenti bicciet tal-karti maqtughin suspettati li jintuzaw bhala qratas bhala Dok NC13. Prezenta wkoll flixkun b'likwidu elevat minn vettura CBK359 immarkat bhala Dok NC14.

Xehdu l-pulizija li kienu nvoluti f'din l-osservazzjoni u t-tfittxija.

**<u>PS 1174 Adrian Sciberras</u>** qal illi kienu qed jaghmlu osservazzjoni gewwa z-Zejtun fuq ir-residenza ta' Aaron Axisa. Gew infurmati li Axisa kien ghadu kemm ghamel

kuntatt ma' persuna li kienet qed issuq Ford Ka. Segwew din il-vettura. Il-persuna f'din il-vettura irrizultat li kienet posittiva ghall-eroina. Gew ukoll infurmati li Axisa kien hareg mill-isqaq. Meta rawh javvicina il-vettura CBK459 (li skont ix-xhud kien jaghmel uzu minnha l-imputat), dan ix-xhud flimkien ma' PC 1348 waqqfuh. Qal dan ix-xhud illi meta hu bblukkalu jdejh, innota li Axisa kellu jdejh maghluqa u li kien qed jipprova jressaqha ma' halqu. Qal illi PC 1348 zammlu rasu waqt illi x-xhud beda jzommlu jdejh. Qal illi minn idejh hargulu hames (5) qratas suspettati li kien fihom l-eroina. Minn go hziemu, minn wara, hargulu mus u gie elevat ukoll mobile phone minn butu. Qal illi baqghu sejrin gol-garaxx, fejn kien qieghed jirrisjedi Axisa, cioe' 28, Sqaq tal-Baggi, Zejtun. Saret tfittxija hemm. Hawnhekk l-imputat uriehom iktar sustanza eroina mohbija taht il-lizar u fuq is-saqqu. Dawn gew elevati. Elevaw ukoll pitazzi tal-graphs, skontu mqatta' biex isiru s-sachets ghax kienu tal-istess kulur u ….. tas-sachets li gew elevati minn idejh u simili ghal dawk li nstabu ghand Daniel Mizzi.  Elevaw ukoll mizien minn fuq raf, landa b'xi foil mahruq, mobile phone iehor b'charger mieghu, xi siringi wzati, u anke siringi godda.

Gharaf l-ezebiti li ezebixxa gia' l-Ispettur Norbert Ciappara.

Din it-tfittxija giet ukoll ikkonfermata minn **<u>PC 1348 Joseph Campbell</u>**.

**<u>PC 230 George Michael Briffa</u>** kkonferma minn naha tieghu t-tfittxija li saret fuq certu Daniel Mizzi. Xehed illi mit-tfittxija li saret mill-vettura tieghu nstab pakkett b'sustanza suspettata eroina u xi foil mahruq.

**<u>WPC 237 Antonella Vella</u>** minn naha taghha qalet dwar it-tfittxija li saret fil-vettura Ford Ka li fiha nstab sachet mimli bit-trab kannella. Qalet illi x-xufier ta' din il-vettura kien certu Daniel Mizzi.

**<u>PC 1319 Mattuew Xuereb</u>** xehed dwar il-fatt illi gie mwaqqaf Axisa qabel ma avvicina l-karozza tieghu CBK359. Fuqu qal illi nstabu hames (5) pakketti suspettati eroina, mobile phone u mus. Meta saret search fil-garaxx f'residenza fi Triq Baggi, Zejtun, xehed illi sabu fuq is-sodda borza bi trab kannella suspettat eroina, kantunieri ta' boroz u siringi goz-zibel, erba' (4) graph books, siringi godda, kuccarini mahruqa, u mizien elettroniku.

Qal ukoll illi gol-gwardarobba nstabet kaxxa tal-landa li kellha ammont ta' foil mahruq. Qal illi fil-vettura CBK359 instab flixkun b'xi likwidu suspettat methadone.

L-istess xehed **<u>PC 1065 Neville Grech</u>**. Ikkonferma li twaqqaf Daniel Mizzi u minn gol-vettura tieghu Ford Ka gie elevat pakkett zghir bi trab kannella u foil mahruq.

Rat ukoll il-konkluzjoni ta' **<u>Godwin Sammut</u>**, analista appozitament nominat. Ikkonkluda dan fuq l-analizi tal-oggetti lilu moghtija u elevati kif hawn fuq deskritt:

"

a. *Illi fuq estratt mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 177_12_01 u 177_12_02 instabet is-*

*sustanza **Eroina**. Il-piz tat-trab kien ta' **3.08 grammi**, u l-purita' kienet ta' circa 28%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta*

b. *Illi fuq swab mehuda mill-mizien li hemm fid-dokument 177_12_03 instabet is-sustanza **Kokaina**. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

c. *Illi fuq swab mehuda mill-boroz u fuq estratt mehud mis-sustanza ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 177_12_04 instabet is-sustanza **Eroina**. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

d. *Illi fuq swabs mehuda mill-boroz vojta li hemm fid-dokument 177_12_01 ma nstabitx droga.*

e. *Illi fuq estratt mehud mill-likwidu li hemm fid-dokument 177_12_05 ma nstabitx droga.*

f. *Illi ma setghux isiru analizi fuq is-siringi minhabba li dawn kienu blokkati.*

g. *Illi ghalkemm kien hemm xebh bejn il-qratas li hemm fid-dokument 177_12_02 u l-karti li hemm fid-dokument 177_12_06 ma kinx hemm mechanical fit.*

Rat ukoll ir-rapport ta’ **Dr Martin Bajada**, Dok MB a folio 97 et seq. Senjalament rat ukoll il-messaggi hemm inkluzi, messaggi rizultanti mic-cellulari tal-imputat.

Dawn il-messaggi juru bic-car illi Axisa kien jircievi diversi fejn kien jigi mitlub minghand varji nies diversi, hinijiet differenti, biex jiltaqa’ maghhom u jaghtiehom dak bejniethom gia’ mifhum u miftiehem. Is-sinjifikat tal-kontenut tal-messaggi ma jhalli ebda dubbju fil-mohh ta’ din il-Qorti x’kien in-negozju li fih kien involut l-imputat.

Ittella’ jixhed anke **Daniel Mizzi**, issa li l-proceduri kontrieh kienu gew determinati. Ftakar illi l-proceduri kontrieh kienu fuq il-vizzju tad-droga eroina, eroina li qal u ammetta li l-pulizija sabu fuqu. Ma ftakarx pero dakinhar li twaqqaf mill-pulizija fuq liema kaz waqqfuh. Qal illi kien jaf lill-imputat ghax it-tnejn kienu minn Hal Ghaxaq. Ma ftakarx li meta twaqqaf mill-pulizija hu kien iltaqa’ mal-imputat, lanqas li dakinhar l-imputat kien tah xi haga. Ftakar biss illi gie mitkellem mill-pulizija ghax fuqu sabulu l-eroina.

Kif gia’ suespost, giet anke ezebita mill-Ispettur Norbert Ciappara, l-istqarrija tal-imputat. Din ittiehdet fis-sena 2009, allura minghajr dak iz-zmien id-dritt tal-konsulatazzjoni legali moghtija llum lill-investigat. In linea mal-izviluppi tal-Qrati taghna dwar dan, il-Qorti taghmel anke ampja referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet “**Il-Pulizija (Spt Dennis Theuma) vs Omar Psaila**” tal-20 ta’ Gunju, 2014.

Hawn il-Qorti ghamlet ampju ezami ta’ kif u min ghandu jigi kkunsidrat bhala vulnerabbli. Anke seguendo decizjonijiet

ohra tal-Qrati taghna, dik ta' **Charles Stevens Muscat** per ezempju, harsa lejn il-fedina penali tal-imputat turi b'mod car kemm l-imputat fil-fatt kien familjari kemm mal-pulizija, mad-dinja tad-droga, u mal-gustizzja. Ftit ghalhekk jew ahjar xejn ma jista' jitqies bhala bniedem vulnerabbli fil-hin tat-tehid tal-istqarrija l-imputat.

Ghalhekk il-Qorti tqis l-istess stqarrija bhala wahda ammissibbli.

Fl-istqarrija qal illi hu kien joqghod wahdu f'garaxx, kif ukoll illi kellu l-vizzju tad-droga. Qal illi d-droga misjuba ghandu mill-pulizija, cioe' gol-garaxx fejn kien joqghod, hames qratas suspettati eroina fuq il-persuna tieghu, borza b'circa zewg grammi u nofs, wiegeb illi din kienet ghandu biex johodha.

Fl-istqarrija anke ta dettalji minghand min kien jixtri d-droga.

Dwar bejgh u traffikar ta' eroina, kif kien drittu ghazel illi ma jwegibx.

Taghmel ukoll referenza hawn il-Qorti ghal dak illi xehed PC 1183 Oliver Borg bhala xhud tal-identita' tal-istqarrija, kif ukoll bhala xhud tat-twissija li nghata l-imputat.

Rat ukoll il-Kontro Ordni mibghuta mill-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi d-Difiza, maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, talbet biss illi titharrek Victoria Scicluna ghall-Agenzija Sedqa.

Semghet lil **Victoria Scicluna** li xehdet illi ghan-nom tal-Agenzija qalet illi kienu qed isegwu lill-imputat, u li dan kellu bzonn u ried imur programm.

Qalet illi Axisa kien jigri warajha biex jircievi l-ghajnuna u li kien qed jipprova johrog mill-problema. Xehdet illi f'Axisa rat progress.

Ikkonsidrat:

Illi kif gia' espost, Axisa nstab f'pussess konsiderevoli ta' droga eroina. Gie osservat jaghmel kuntatt mieghu certu Daniel Mizzi li mwaqqaf, kif telaq lill-istess imputat, instab ukoll fil-pussess tal-istess droga. Aktar u aktar dan maghdud u kkonsidrat mal-messaggi li jidhru fuq ic-cellulari tal-imputat.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija wara li rat il-GN 292/1939; id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Ewwel Skeda tal-istess Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta; LS 101.2009 Reg 9; u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll qabel ma kkunsidrat il-piena, illi l-Ufficjal Prosekutur iddikkjara li l-imputat kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-imsemmi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll il-fedina penali tal-imputat li tirrifletti zewg fatturi – l-gravita' tal-problema li ghandu l-imputat, u li nonostante li gie ghal drabi punit u moghti diversi opportunitajiet, donnu ma tghallem xejn.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundannah ghal piena karerarja ta' tlitt (3) snin u ghal multa ta' tliet elef Ewro (€3,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal seba' mija u erbgha u ghoxrin Ewro u erbgha u sebghin centezmu (€724. 74).

Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala KA 230.2012.

Tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs illi Aaron Axisa jinghata kull ghajnuna fil-konfront tal-vizzju tad-droga kif ikun xieraq.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------